IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 3 ta' Settembru 2014 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:45 a.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

## L-EWWEL TAQSIMA

**Il-Komponiment** **(25 marka)**

Ikteb **madwar 350 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti:

**1.** Qatt ma naf li rrabjajt daqs dakinhar!

**2.** Iddeskrivi kif timmaġina li se tkun Malta mitt sena oħra.

**3.** Hemm min jgħid illi l-età biex tikseb il-liċenzja tas-sewqan għandha titla' għal wieħed u għoxrin sena. Iddiskuti.

**4.** Ikteb artiklu fir-rivista tal-kunsill lokali dwar iż-żjarat kulturali li torganizza l-iskola sekondarja tiegħek.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA** **(22 marka)**

**Fehim it-Test**

Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.

*Vjaġġi spazjali*

Fl-20 ta' Lulju 1969 il-bniedem niżel għall-ewwel darba fuq il-qamar. Il-missjoni kienu mexxewha l-Amerikani. Neil Armstrong, il-kmandant tal-vettura spazjali, kien l-ewwel wieħed li medd riġlu fuq din l-art ġdida. Kien qal: "Dan huwa pass żgħir għall-bniedem, u pass ta' ġgant għall-umanità". Armstrong, liebes ilbies apposta, dam fuq il-qamar sagħtejn u nofs. Sieħbu Edwin Aldrin dam ftit inqas. Jistenniehom fil-vettura kien hemm Michael Collins.

Tabilħaqq, din ma kinitx l-ewwel darba li xi ħlejqa mid-dinja telgħet fl-ispazju. Qabel ma l-bniedem qatagħha li jibda jmur hu, għamel l-esperimenti bl-annimali. Kemm l-Amerikani kif ukoll ir-Russi, li kienu qed jikkompetu bejniethom min se jitla' l-ewwel, użaw l-aktar ix-xadini u l-klieb ħalli jaraw jekk ħlejqa ħajja għandhiex ħila tgħix fl-ispazju u terġa' lura fid-dinja qawwija u sħiħa. B'xorti ħażina, uħud mill-annimali tilfu ħajjithom waqt dawn il-vjaġġi. Yorick, l-ewwel xadina li l-Amerikani tellgħu fl-ispazju, mietet sagħtejn wara li reġgħet lura fid-dinja.

Il-vjaġġi spazjali, qabel ma bdew iseħħu tassew, kienu ilhom li sabu ruħhom fil-kotba tal-letteratura. Aktarx li l-iktar ktieb popolari fuq vjaġġ miġnun mid-dinja għall-qamar ħareġ fl-1865. Fl-avventura ta' Ġulju Verne naraw grupp ta' passiġġieri li jidħlu ġo missila apposta u din tiġi sparata fl-ispazju b'kanun daqsiex. Jekk wieħed iqabbel l-idea tal-missila ta' Verne ma' kif saru l-vjaġġi spazjali mitt sena wara, jara xebh kbir. Hi kif inhi, illum issib ħemel ta' kotba x'taqra fuq il-vjaġġi spazjali, uħud minnhom veri u oħrajn fittizji.

Anki d-diretturi tal-films xammru kmiemhom u ffukaw fuq il-vjaġġi spazjali u, m'għandniex xi ngħidu, fuq il-laqgħat strambi bejn il-bnedmin u l-aljeni. Rajna kull tip ta' aljeni, uħud minnhom paċifiċi u oħrajn ħoll xagħrek u ġib iż-żejt! Aktarx l-aktar films li jolqtuna huma tal-battalji qalb il-kwiekeb u tal-attakki bla ħniena fuq id-dinja.

Kultant, il-futur ikun jixbah wisq il-fantaxjenza. Titwila fuq l-internet biex insiru nafu xi rridu nistennew hi biżżejjed biex tfakkarna fil-fantasiji ta' Verne. It-teknoloġija tjiebet wisq u kull ġurnata li tgħaddi dejjem b'xi ħaġa ġdida. L-Amerikani qed jippjanaw li sal-2020 jerġgħu jtellgħu n-nies fuq il-qamar biex din id-darba jħejju ruħhom għall-ewwel żjarat tal-bniedem fuq Mars u, jekk jista' jkun, aktar 'il bogħod ukoll. Min-naħa tagħhom, l-Ewropej u l-Asjatiċi għaddejjin bla nifs fl-istudji tagħhom tal-ispazju bis-saħħa tat-teleskopji u s-satelliti.

U sadattant in-negozjanti, dawk li tassew qed iħarsu 'l bogħod, għaddejjin jirreklamaw programmi turistiċi għal dawk li, flok sal-Italja jew l-Ingilterra, jixtiequ jmorru jqattgħu erbat ijiem fuq il-qamar jew fuq Mars għall-kwiet.

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt.**

**1.** Agħżel it-tajba minn dawn:
**a.** Armstrong u Aldrin niżlu fuq il-qamar flimkien u fl-istess ħin.
**b.** Armstrong u Aldrin qagħdu fuq il-qamar il-ħin kollu flimkien.
**ċ.** Armstrong dam fuq il-qamar kemm kemm iktar minn Aldrin.
**d.** Armstrong niżel fuq il-qamar wara Aldrin.

**2.** Taħseb li l-kittieb iddispjaċieh li xi annimali li telgħu fl-ispazju mietu? Kif taf?

**3.** Għaliex il-kittieb kiteb li hemm xebh kbir bejn l-idea tal-missila ta' Verne mal-vetturi spazjali ta' mitt sena wara?

**4.** Taħseb li l-kittieb huwa ċert fuq x'films tal-ispazju jħobbu jaraw l-aktar in-nies? Għaliex?

**5.** Fil-fehma tiegħek, x'inhija r-raġuni vera li n-negozjanti qed jippjanaw biex jibdew itellgħu t-turisti fl-ispazju?

**6.** Mis-silta li qrajt, taħseb li l-bniedem għad jitla' fuq Mars u jivvjaġġa iktar 'il bogħod ukoll? Għaliex?

(2 marki kull waħda = 12-il marka)

**B. Għarfien il-lingwa**

**1.** Fisser l-espressjonijiet b'linja taħthom skont il-kuntest.

**a.** Rajna kull tip ta' aljeni, uħud minnhom paċifiċi u oħrajn <u>ħoll xagħrek u ġib iż-żejt!</u> (mir-4 paragrafu)

**b.** Min-naħa tagħhom, l-Ewropej u l-Asjatiċi <u>għaddejjin bla nifs</u> fl-istudji tagħhom tal-ispazju bis-saħħa tat-teleskopji u s-satelliti. (mill-5 paragrafu)

(2 marki kull waħda = 4 marki)

**2.** Agħti <u>kelma oħra</u> għall-kliem li għandu linja taħtu skont it-tifsira tiegħu fis-silta.

**a.** Tabilħaqq, din ma kinitx l-ewwel darba li xi <u>ħlejqa</u> mid-dinja telgħet fl-ispazju. *(mit-2 paragrafu)*
**b.** Qabel ma l-bniedem <u>qatagħha</u> li jibda jmur hu, għamel l-esperimenti bl-annimali. *(mit-2 paragrafu)*
**ċ.** Hi kif inhi, illum issib ħemel ta' kotba x'taqra fuq il-vjaġġi spazjali, uħud minnhom veri u oħrajn <u>fittizji</u>. *(mit-3 paragrafu)*
**d.** <u>Titwila</u> fuq l-internet biex insiru nafu xi rridu nistennew hi biżżejjed biex tfakkarna fil-fantasiji ta' Verne. *(mill-5 paragrafu)*

(marka kull waħda = 4 marki)

**3.** Liema hi l-espressjoni fit-2 paragrafu li turik li xi annimali mietu fl-ewwel vjaġġi spazjali?

(2 marki)

## IT-TIELET TAQSIMA (14-il marka)

### Il-Grammatika

Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

Il-karnival ta' Ivrea, l-Italja, hu l-aktar qadim fl-Ewropa. La l-karnival ta' Venezja, li reġgħu tawh il-ħajja tletin sena ilu, u lanqas il-karnival ta' Vjareġġo, biex niftiehmu dak tal-karrijiet tal-kartapesta mibnija biex jirredikolaw lill-politiċi, ma jistgħu jiftaħru li huma tassew qodma. L-iskop oriġinali tal-karnival miet għax illum in-nies m'għadhomx iħarsu lejn ir-Randan bħal dari.

1. Mis-silta sib u ikteb nom proprju.
2. Nissel nom ieħor minn karnival.
3. Agħti kelma (forma) oħra tas-superlattiv flok l-aktar qadim.
4. Reġgħu tawh il-ħajja: għal xiex qed jirreferi s-suffiss -h fil-verb tawh?
5. Agħti l-għadd imtenni ta' sena.
6. Oħroġ l-għerq minn niftiehmu.
7. Oħroġ iz-zokk minn karrijiet.
8. Nissel in-nom tal-aġent (jiġifieri n-nom tal-ħaddiem) minn mibnija.
9. Agħti s-singular ta' politiċi.
10. Nissel nom minn jistgħu.
11. Mis-silta sib u ikteb parteċipju passiv.
12. Agħti l-ħames forma ta' miet.
13. Mis-silta sib u ikteb plural miksur.
14. Agħti sinonimu ta' skop.

(marka kull waħda = 14-il marka)

## IR-RABA' TAQSIMA (12-il marka)

### Ir-Rapport

Ikteb **madwar 80 kelma** fuq **wieħed** mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport.
Tinsiex issemmi l-fatti u d-dettalji. Jekk ser tuża xi ismijiet, ara li jkunu fittizji.

a. Immaġinak ġurnalist/a. Għamlet maltempata qawwija u wieħed mill-irħula ntlaqat mill-għargħar. Ikteb rapport għall-aħbarijiet tar-radju.

**jew**

b. Immaġinak pulizija. Waqt li kont qed tagħmel ir-ronda xi nies ġibdulek l-attenzjoni li raw ħuta kbira viċin ix-xatt. Ikteb rapport lill-ispettur tal-għassa.

## IL-ĦAMES TAQSIMA (12-il marka)

### L-Ittra

Ikteb **madwar 80 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.

**a.** Qed taħsibha biex tapplika għal kors tal-Arti li se jdum xahar u li se jsir Franza. Int tixtieq titlob parir lill-għalliem tiegħek, is-Sur Albert Abdilla. Ikteb l-ittra li se tibgħatlu.

Ismek: Mark / Marika Galea
L-indirizz tiegħek: 32, Triq is-Salib, il-Furjana, FRN 1328.
L-indirizz tal-iskola: Skola Santa Marija, Triq il-Qronfol, Ħal Qormi, QRM 1026.

**jew**

**b.** Ikteb ittra elettronika lil Lina Pace, preżentatriċi tal-programm televiżiv *Ħbiebna l-Annimali*, li talbet lit-telespettaturi jiktbulha kif l-aħjar nieħdu ħsieb l-annimali fid-dar. Tinsiex tuża l-format tal-ittra elettronika (skont il-kaxxa hawn taħt).

Ismek: Mark / Marika Galea
L-indirizz elettroniku tiegħek: galea@maltin.mt
L-indirizz elettroniku tal-preżentatriċi: lina@annimali.mt

| |
|---|
| Lil:<br>Mingħand:<br>Data:<br>Suġġett:<br><br>..........................................................................................................................<br>..........................................................................................................................<br>.......................................................................................................................... |

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 3 ta' Settembru 2014 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

WIEĠEB IT-TAQSIMIET KOLLHA TAL-KARTA.
IKTEB B'MALTI TAJJEB U IDJOMATIKU.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* ta' Dun Karm u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq il-poeżija sħiħa. Ir-raba' u l-ħames tweġiba iktibhom sħaħ fuq l-iskript.

Iżda meta ta' saħħtek
jogħġbok il-kotra b'xi taqliba tfisser,
u nara 'l sidrek jikber,
u l-ħalel bojod fuq il-blat titkisser,

jaqbadni l-biża', u nibki
narak taqbad l-iġfien u tilgħab bihom,
bla xejn ma taħseb, kiefer!
fid-dmugħ tal-imsejknin li hemm ġo fihom.

Imma togħġobni, nħobbok,
ja Baħar, meta tfajjel mingħajr dnewwa,
tinxteħet fuq ir-ramel
ta' xtajta u kollok ċajt u kollok ħlewwa

tilgħab b'werqa tal-alka,
jew b'sebgħek tinbex xi bebbux fil-bejta,
u tħaxwex dik il-għanja
li tgħallimtha fil-bidu u qatt ma nsejtha.

Wieġeb:

1. X'atmosfera hemm fl-ewwel **żewġ** strofi ta' din is-silta? (4 marki)

2. Agħti **żewġ** raġunijiet li wassluk biex tagħraf l-atmosfera msemmija hawn fuq (f'mistoqsija numru 1). (6 marki)

3. Inti kif qed tħossu lill-poeta f'din is-silta? Għaliex? (4 marki)

4. Fl-aħħar strofa ta' din is-silta, il-poeta qed jistqarr li:
   **a.** il-ħoss taċ-ċafċifa jerġa' jinstema' minn żmien għal żmien.
   **b.** il-ħoss taċ-ċafċifa jagħti fastidju lil kulħadd.
   **ċ.** il-baħar jixbah il-foresti.
   **d.** il-baħar għandu memorja inkredibbli. (3 marki)

**5.** Il-verb *tilgħab* jidher fil-vers 6 u fil-vers 13. Il-poeta:
**a.** jużah biex juri l-ħlewwa tal-baħar.
**b.** jużah b'tifsira idjomatika fiż-żewġ versi.
**ċ.** jużah kull darba biex juri l-armonija tal-ħolqien.
**d.** jagħtih żewġ tifsiriet differenti. (3 marki)

**JEW**

**B.** Aqra sewwa l-poeżija *Lill-Qamar Kwinta* ta' Rena Balzan u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: Ir-raba' u l-ħames tweġiba iktibhom sħaħ fuq l-iskript.

Naf li int fqajjar mingħajr ħjiel ta' ħajja
w li d-dawl li tarmi lewn il-fidda msawwar
lilek misluf minn ħliqa aktar setgħana;
l-ebda illużjoni ma baqagħli dwarek
għax issa nafek sewwa w m'għadnix narak
tilma u tħuf fid-dawl tal-fantasija;
'mma kif fil-għoli nilmħek qamar kwinta
issebbaħ is-smewwiet f'lejla sajfija,
ninsa dak kollu li kont għedtlek qabel
u terġa' qalbi tfur bil-poeżija.

Wieġeb:

**1.** X'atmosfera hemm f'din il-poeżija? (4 marki)

**2.** Agħti raġuni li wasslitek biex tagħraf l-atmosfera msemmija hawn fuq (f'mistoqsija numru 1). (6 marki)

**3.** Inti kif qed tħossha lill-poetessa f'din is-silta? Għaliex? (4 marki)

**4.** F'din il-poeżija, il-poetessa:
**a.** lill-qamar tagħtih il-kwalitajiet ta' bniedem li qed jismagħha u jkellimha.
**b.** qed tisma' l-qamar jgħannilha.
**ċ.** qed titkellem mal-qamar.
**d.** lill-qamar tagħtih kwalitajiet annimaleski. (3 marki)

**5.** In-nom *dawl* jidher fil-vers 2 u fil-vers 6. Il-poetessa:
**a.** tagħtih żewġ tifsiriet differenti.
**b.** tużah b'tifsira idjomatika fiż-żewġ versi.
**ċ.** tużah bl-istess tifsira fiż-żewġ versi.
**d.** tużah biex turi kull darba s-sbuħija tal-ħolqien. (3 marki)

## IT-TIENI TAQSIMA

**Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża** **(20 marka)**

Agħżel silta **WAĦDA** (A jew B).

**A.** Aqra sewwa din is-silta min-novella *Bank* ta' Frans Sammut u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq in-novella sħiħa. Ir-raba' u l-ħames tweġiba iktibhom sħaħ fuq l-iskript.

L-iskola kienet teħtieġ bankijiet ġodda daqs il-ħobż. Li kellna kienu qdiemu, u dehrithom kienet waħda ta' dwejjaq: mibruxin, migrufin, imħażżin kif kienu. Nies li kienu qagħdu fuqhom kibru, iżżewġu u bagħtu 'l uliedhom jintasbu fuqhom minflokhom, u dawn għamlu bħalhom, u safrattant il-bankijiet qodma daqs l-għoljiet ta' madwar ir-raħal ċkejken baqgħu hekk, jistħu minn min jarahom, jistennew minn waqt għal ieħor li xi ħadd iħenn għalihom u jaħraqhom.

Kienu tgħallmu l-materji kollha tal-iskola u saru esperti fihom. Li kellhom fomm kienu jlissnu sensiliet twal ta' tagħlimiet fuq l-ilsna mgħallmin fl-iskejjel u l-aritmetika tal-għadd u t-tnaqqis daqs l-aqwa għalliem. Iżda x'aktarx li kienu midħla l-aktar tal-varjetà kbira tal-warrani tat-tfal li qagħdu fuqhom u saħħnuhom fix-xhur tax-xitwa u ħallewhom għal riħhom fix-xhur sajfin.

Wieġeb:

1. Din is-silta tiftaħ bl-idjoma *"kienet teħtieġ bankijiet ġodda daqs il-ħobż"*. Din hija idjoma mibnija fuq similitudni jew fuq metafora? (3 marki)

2. X'effett jinħoloq bil-figura tat-taħdit imsemmija hawn fuq (f'mistoqsija numru 1)? (5 marki)

3. X'atmosfera jrid joħloq l-awtur fl-ewwel paragrafu ta' din is-silta? Ikkwota sentenza, jew parti minnha, biex turi dan. (6 marki)

4. F'din is-silta, l-iktar figuri importanti huma:
   **a.** it-tfal tal-iskola, għax l-awtur il-ħin kollu jsemmihom.
   **b.** il-bankijiet tal-iskola, għax l-awtur qed jikteb dwarhom.
   **ċ.** l-għalliema, għax għalkemm ma jissemmewx, mingħajrhom ma jistax isir tagħlim.
   **d.** il-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom f'din l-iskola. (3 marki)

5. Fis-sentenza "*Kienu tgħallmu l-materji kollha tal-iskola u saru esperti fihom*" (linja 6) l-awtur qed jagħmel personifikazzjoni:
   **a.** tal-bankijiet.
   **b.** tal-esperti.
   **ċ.** tal-materji.
   **d.** tal-iskola. (3 marki)

**JEW**

**B.** Aqra sewwa din is-silta min-novella Xtara l-Ħut fil-Baħar ta' Laurence Mizzi u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

**Importanti**: wieġeb b'rabta mas-silta, mhux fuq in-novella sħiħa. Ir-raba' u l-ħames tweġiba iktibhom sħaħ fuq l-iskript.

Is-Sur Tonin kien jafu r-raħal kollu. Fiż-żmien kien jinnegozja fil-bini u f'xi biċċa art ukoll. Illum irtirat medhi fiċ-ċekċik u l-kapriċċi qisu tifel imfissed u bħal tifel imħejjem kien jitwebbel malajr u jixba' minn kollox. Povra Ċikka! X'ma kellhiex tara f'dawk l-erbgħin sena żwieġ! Meta kien qata' jiesu li jkollu t-tfal, twebbel bix-xadini. Ma kienx jagħti pass li ma kontx tarah b'żewġ xadini l-kruha tagħhom. Bwietu mimlija karawett, kont tilmħu mdawwar bit-tfal. Dawn l-għaxqa tagħhom iħarsu lejh, jiġġieldu biex jixħtilhom il-karawett u b'żaqq daqsiex jistħajlu xi San Ġwann Bosco.

Ma għaddiex żmien wisq meta flok xadini kellu pappagall f'gaġġa kollha lwien. Tgħidx min ma kienx jinġabar wara biebu. Saħansitra l-kappillan kien waħħalha f'rasu li jgħallmu xi talb bil-Malti u kien irnexxielu.

Wieġeb:

1. Din is-silta fiha l-espressjoni *"b'żaqq daqsiex jistħajlu xi San Ġwann Bosco"* (linja 6). Din hija espressjoni mibnija fuq similitudni jew fuq metafora? (3 marki)

2. X'effett jinħoloq bil-figura tat-taħdit imsemmija hawn fuq (f'mistoqsija numru 1)? (5 marki)

3. X'atmosfera jrid joħloq l-awtur fit-tieni paragrafu ta' din is-silta? Ikkwota sentenza, jew parti minnha, biex turi dan. (6 marki)

4. F'din is-silta, l-iktar karattru importanti huwa:
   **a.** is-Sur Tonin, minħabba li fis-silta kollox idur madwaru.
   **b.** San Ġwann Bosco, il-qaddis ippreferut tas-Sur Tonin.
   **ċ.** Ċikka, minħabba li ma kinitx iżżommlu lil żewġha.
   **d.** il-kappillan, minħabba li rnexxielu jgħallem xi talb lill-pappagall. (3 marki)

5. Fis-sentenza *"Illum irtirat medhi fiċ-ċekċik u l-kapriċċi qisu tifel imfissed u bħal tifel imħejjem kien jitwebbel malajr u jixba' minn kollox"* l-awtur qed juża:
   **a.** personifikazzjoni u similitudni.
   **b.** żewġ similitudnijiet.
   **ċ.** personifikazzjoni waħda.
   **d.** żewġ personifikazzjonijiet. (3 marki)

## IT-TIELET TAQSIMA

**Il-Komponimenti Letterarji: *Bejn Ħaltejn* (barra *Il-Ħarsa ta' Rużann*) (30 marka)**

Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' **madwar 200 kelma**. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.

1. Ix-xogħlijiet *Refuġjata* ta' Mario Azzopardi u *Bl-irħis* ta' Vince Vella huma dwar l-immigranti. Ikteb fuq l-effetti li jħallu fuqek l-istili differenti taż-żewġ xogħlijiet.

**JEW**

2. Liema huma l-aktar tliet kitbiet mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn* li ħadt gost taqra? X'għoġbok fil-mod kif inhuma miktuba?

## IR-RABA' TAQSIMA

**Il-Komponiment Letterarju: *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer (30 marka)**

Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' **madwar 200 kelma**. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.

1. F'*Il-Ħarsa ta' Rużann* l-imħabba tgħaddi minn ħafna mumenti sbieħ u koroh matul iż-żmien. Agħti xi eżempji minn dak li jgħaddu minnu xi karattri.

**JEW**

2. Agħżel żewġ karattri li laqtuk f'*Il-Ħarsa ta' Rużann.* Iddiskuti kif u għaliex laqtuk aktar minn oħrajn.